# Eżerċizzi tar-Randan għall-Adulti

**bi tħejjija għaż-Żjara tal-Papa f'Malta**
**fl-okkażjoni tal-1950 Sena min-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna**

**mibnija fuq il-Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina**

# *Il-Ħajja Ġdida fi Kristu*

"Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex,
kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier,
hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6:4).

"Meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna,
tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi" (Efes 2:5).

Djoċesi ta' Għawdex
Randan 2010

## TEMI

1. Is-Salib ta' Kristu fil-ħajja tan-Nisrani
   (It-Teoloġija tas-Salib – Udjenza 29 ta' Ottubru 2008)

2. Il-Qawmien ta' Kristu: Epifanija ta' Kristu l-Iben t'Alla
   (Il-ġrajja deċiżiva tal-Qawmien - Udjenza 5 ta' Novembru 2008)

3. Il-Ħajja ta' dejjem
   (L-istennija tal-Parusija - Udjenza 12 ta' Novembru)

4. Il-Ħajja ġdida permezz tal-grazzja
   (Id-dnub oriġinali u t-Teoloġija tas-Sagramenti - Udjenzi 3 u 10 ta' Diċembru 2008)

5. Il-Qima Spiritwali
   (Udjenza 7 ta' Jannar 2009)

## 1. Is-Salib ta’ Kristu fil-ħajja tan-Nisrani

### 1) Minn persekutur tal-Kristjani jsir kollu kemm hu ta’ Kristu

a) **Il-ġrajja fundamentali fit-triq ta’ Damasku**: Pawlu jsir “ħolqien ġdid” (ara 2 Kor 5:17).
   - i) Atti 9:3ss; 22:6ss; 26:12.
   - ii) Gal 1:15-16; 1 Kor 9:1; 15:8.

b) **L-għażla fundamentali ta’ Kristu**:
   - i) Kristu jsir il-motiv ta’ ħajtu u r-raġuni tal-predikazzjoni tiegħu, f’ħajja mimlija perikli (ara 2 Kor 12:15) mogħtija biex isalva l-bnedmin.
     - (1) *Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u ’l dan imsallab* (1 Kor 2:2).
   - ii) Ħdejn Kristu xejn aktar ma jgħodd (ara Fil 3:3-17).
     - (1) *M’iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross ’il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili* (Fil 3:12).

### 2) Iċ-ċentralità tas-Salib

a) Fil-laqgħa tiegħu ma’ Kristu hu għaraf it-tifsira ċentrali tas-Salib: fehem li Kristu kien miet u qam għall-bnedmin kollha u għalih.
   - i) *Din hija kelma ta’ min jemminha u jilqagħha għal kollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed* (1 Tim 1:15).

b) Żewġ dimensjonijiet importanti tal-ġrajja tas-Salib:
   - i) universalità: Kristu miet għal kulħadd;
   - ii) soġġettività: Kristu miet għalija.

### 3) L-imħabba ta’ Alla, għotja b’xejn u kollha ħniena, tidher fis-Salib

a) Pawlu għamel esperjenza personali ta’ din l-imħabba (ara Gal 2:20).

b) Fih seħħet trasformazzjoni: minn midneb għal wieħed li jemmen; minn persekutur għal Appostlu.

### 4) Il-Vanġelu tal-“Grazzja”

a) Minn jum għal ieħor Pawlu jiskopri li kollox kien ġej mis-Salib ta’ Kristu u mhux mill-ħila jew merti tiegħu – hu ma kellu ebda mertu personali: kollox kien don.

b) **Mit-tifsira tas-Salib Pawlu seta' jifhem u jxandar il-"Vanġelu tal-Grazzja":**
   i) esperjenza li ġarrabha b'mod personali u li xandarha fil-ministeru tiegħu
      (1) fil-konfront tal-Lhud: li kienu jpoġġu kollox fil-ħila personali tal-osservanza tal-preċetti,
      (2) fil-konfront tal-Griegi: li sfidaw il-"loġika" tas-Salib bil-loġika tal-għerf tagħhom,
      (3) fil-konfront tal-"eretiċi": li għamlu Kristjaneżmu kif għoġob lilhom.

5) **Il-Primat tas-Salib fit-Teoloġija Pawlina**

a) **Il-predikazzjoni tas-Salib ta' Kristu hi essenzjali u primarja fil-predikazzjoni ta' Pawlu.**
   i) *Ja Galatin bla moħħ, min saħħarkom bi kliemu? Intom li Ġesù Kristu tpinġa msallab quddiem għajnejkom!* (Gal 3:1).

b) **Għal Pawlu s-Salib jokkupa l-ewwel post fl-istorja tal-umanità:**
   i) hu l-punt fokali tat-teoloġija tiegħu: issemmi s-Salib ifisser titkellem fuq is-salvazzjoni mogħtija b'xejn lil kull ħlejqa.

c) **Il-ġrajja tal-Knisja ta' Korintu: diżordni, skandli, firda, diviżjonijiet.**
   i) Pawlu ma jużax il-qawwa tal-ħila tiegħu jew l-oratorija, imma jintelaq fil-"qawwa ta' Kristu msallab".
   ii) *Meta jiena wasalt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-Misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab. U jiena ġejt għandkom dgħajjef, imbażża' u mriegħed; il-kelma u l-predikazzjoni tiegħi ma kinux imlibbsa bil-kliem qawwi tal-għerf, imma bil-wiri tal-Ispirtu u l-qawwa, sabiex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-qawwa ta' Alla* (1 Kor 2:1-5).

6) **Il-"lingwaġġ tas-Salib" jinftiehem fil-ġrajja tal-Qawmien**

a) L-ewwel Insara, dawk li kienu indirizzati minn Pawlu, kienu jafu li Kristu qam mill-mewt.

b) Meta Pawlu jitkellem fuq Kristu msallab, hu fl-istess waqt "jitkellem" fuq Kristu msallab u rxoxt; Dak li kien imsallab hu ħaj:
   i) *Kien imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda ngħixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom* (2 Kor 13:4).

7) **Is-Salib hu "skandlu" u "bluha"**

a) **Apparentament, is-Salib hu skandlu u bluha, imma għal dawk li jemmnu s-Salib hu l-qawwa ta' Alla, hu "il-lingwaġġ ta' Alla".**
   i) *Il-predikazzjoni tas-Salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla. Bħalma hu miktub: Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta' din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja? U billi, fl-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi* (1 Kor 1:18-23).

b) L-"iskandlu" (tfixkil) u l-"bluha" tas-Salib ġejjin mill-fatt li fejn fis-Salib ma jidhrux għajr fallimenti, tbatija u telfien, hemm tidher il-qawwa tal-imħabba infinita ta' Alla, għax **is-Salib hu espressjoni ta' mħabba, u l-imħabba hi l-qawwa vera li dehret eżattament fid-dgħufija.**
   i) *Mit-tnejn, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-Salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom* (Efes 2:15-16).

c) **Għal-Lhud, is-Salib hu skandlu, jiġifieri nassa, ħaġra li tfixkel.**
   i) Is-Salib donnu jfixkel il-fidi tal-Lhudi devot, għax ma jsib xejn bħas-Salib fl-esperjenza tal-Iskrittura (fir-"Rivelazzjoni").
   ii) Pawlu hu konxju minn dan:
      (1) fl-opinjoni tal-Lhud, Alla mmanifesta ruħu f'opri kbar u tal-għaġeb;
      (2) allura **li taċċetta s-Salib ifisser li tħaddan mod ġdid kif tirrelata ma' Alla.**

d) **Għall-Griegi (il-Ġentili), ir-raġuni għala jirrifjutaw is-Salib hi propju r-Raġuni.**
   i) Is-Salib hu *morìa*, ġenn, litteralment injoranza, jiġifieri ikel bla melħ; f'dan is-sens, aktar milli żball, il-Griegi jqisu s-Salib offiża lis-sens komun.
   ii) Pawlu nnifsu għamel esperjenza tar-rifjut tal-messaġġ Nisrani fl-ambjent Grieg, lingwaġġ li ma jqanqalx interess:
      (1) *Resqu wkoll jitħaddtu miegħu xi Epikurin u Stojċi. Uħud minnhom kienu jgħidu: "X'għandu x'jgħid dan il-lablâb?"* (Atti 17:18).
   iii) Għall-Griegi kien diġà diffiċli jaċċettaw li Alla jsir bniedem, jitħallat mal-limiti tal-bniedem… aħseb u ara li Alla se jispiċċa fuq salib! **Il-loġika tan-nies ta' Ateni hi komuni wkoll għal tan-nies tal-lum!**
   iv) Anki l-qawmien mill-mewt kien diskors li ma jinftehimx, huma li kienu jżommu li l-ġisem hu ħabs tal-ispirtu, u li r-ruħ trid teħles mill-irbit tal-ġisem biex tkun perfetta!

(1) *Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku* (Atti 17:32).

v) Fil-kultura antika donnu ma kienx hemm wisa' għall-messaġġ ta' Alla Inkarnat. Il-ġrajja sħiħa ta' "Ġesù ta' Nazareth" kienet kollha "immarkata" bil-bluha! U s-Salib kien il-qofol ta' din il-bluha u l-aktar parti problematika.

**8) Għaliex San Pawl għamel is-Salib il-qalba tal-predikazzjoni tiegħu?**

a) **Is-Salib jirrivela "il-qawwa ta' Alla" (ara 1 Kor 1:24).**

i) Il-"qawwa ta' Alla" hi differenti mill-qawwa tal-bnedmin.

(1) *Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin* (1 Kor 1:25).

ii) Il-qawwa ta' Alla turi l-imħabba tiegħu.

(1) *Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin* (Rum 5:8).

(2) *La l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna* (Rum 8:39).

b) **Matul l-istorja, is-Salib ħareġ dejjem "rebbieħ" fuq l-"għerf tad-dinja" li ħadha kontrih**

i) …anke jekk mhux dejjem tajna xhieda vera tiegħu!

c) **Il-lingwaġġ tal-Imsallab:**

i) L-imsallab hu tassew l-għerf għax juri min hu Alla: qawwa ta' mħabba li lest jasal sas-Salib biex isalva l-bnedmin. Għall-imħabba Alla jagħżel toroq (is-salib) li għalina jidhru bla sens u sinjal ta' dgħufija.

ii) L-imsallab juri minn banda d-dgħufija tal-bniedem u mill-banda l-oħra l-qawwa vera ta' Alla, jiġifieri d-don tal-imħabba: dan hu l-għerf veru.

iii) *Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja, qdusija u fidwa* (1 Kor 1:30).

d) **Pawlu għamel esperjenza personali ta' dan:**

i) *Iżda hu weġibni: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef". Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-dgħufijiet tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija* (2 Kor 12:9).

ii) *Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla* (1 Kor 1:27-29).

e) **San Pawl tant identifika ruħu ma' Kristu li, minkejja l-ħafna provi, hu kien jgħix kontinwament il-fidi fl-Iben ta' Alla li ħabbu u miet għalih**:
   i) *Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija* (Gal 2:20).
   ii) Dan id-dettall awtobijografiku jsir eżempju għalina lkoll.

**9) Sintesi tat-Teoloġija tas-Salib (2 Kor 5:14-21)**

a) Żewġ affermazzjonijiet:
   i) Kristu, li Alla għamlu "dnub" għalina, miet għalina lkoll.
   ii) Alla ħabbibna miegħu bla ma qies il-kont ta' dnubietna.

b) Il-"ministeru tar-rikonċiljazzjoni" jeħles minn kull forma ta' jasar (ara 1 Kor 6:20; 7:23).

c) Kull bniedem irid jgħix dan il-ministeru: billi jirrinunzja għal-lingwaġġ tas-suppervja u jħaddan il-"ġenn" tal-imħabba tas-Salib, li hi s-salvazzjoni tagħna u tal-bnedmin kollha:
   i) il-qawwa tagħna tinsab fl-umiltà tal-imħabba,
   ii) l-għerf tagħna jinsab fid-dgħufija taċ-ċaħda,
   iii) biex nidħlu fil-qawwa ta' Alla (li hi mħabba sas-Salib!).

d) L-għerf veru jinsab filli ma ngħixux għalina nfusna imma għal Dak li ħabbna u ta ħajtu għalina.

## 2. Il-Qawmien ta' Kristu: Epifanija ta' Kristu l-Iben t'Alla

### 1) Il-Qawmien ta' Ġesù: il-milja tal-ġrajja tas-Salib

a) *Imma jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom. U aħna noħorġu wkoll ta' xhieda foloz ta' Alla, għaliex inkunu tajna xhieda kontra Alla li huwa qajjem lil Kristu mill-imwiet, filwaqt li ma jkun qajmu xejn, jekk hu tassew li l-mejtin ma jqumux. Għax jekk il-mejtin ma jqumux, anqas Kristu ma kien imqajjem. U jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi dnubietkom* (1 Kor 15:14-17).
   i) Għal Pawlu, il-ġrajja tal-Qawmien hi fundamentali – hi l-fundament tal-fidi Nisranija.
   ii) Fil-Qawmien ta' Ġesù hemm "it-tweġiba" għall-"mistoqsijiet" tas-Salib.

b) **Is-Salib waħdu ma jispjegax il-fidi Nisranija.**
   i) Mingħajr il-Qawmien, il-fidi Nisranija tkun traġedja.
   ii) Il-Misteru Paskwali jikkonsisti fil-fatt li l-Imsallab "qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura" (1 Kor 15:4), kif tixhed l-ewwel Tradizzjoni Kristjana.

### 2) Il-Qawmien: il-ġebla tax-xewka tal-Kristoloġija Pawlina

a) Il-predikazzjoni ta' Pawlu titlaq minn u tintemm fil-Misteru tal-Qawmien.

b) Il-Qawmien hu fatt *a priori* fil-predikazzjoni tal-Appostlu, li fuqu Pawlu jibni l-*kerygma* tiegħu: Dak li ġie msallab – u hemmhekk wera l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin – qam mill-mewt, hu ħaj.

### 3) Il-ġrajja tal-Qawmien hi fatt deċiżiv sa mill-bidu tal-ewwel komunitajiet Insara: it-Tradizzjoni tal-ewwel *kerygma*

a) It-tħabbira tal-Qawmien hi l-ewwel *kerygma*, hi presuppost tal-ewwel komunitajiet Insara: il-komunitajiet Insara nbnew fuq din il-ġrajja.

b) **Hemm relazzjoni bejn il-predikazzjoni ta' Pawlu u l-fidi tal-ewwel komunitajiet Insara (pre-Pawlini) fil-Qawmien.**
   i) Nifhmu l-post u l-importanza tat-Tradizzjoni: li kienet qabel San Pawl, u San Pawl ħa ħsieb ittrażmetta b'fedeltà.
   ii) 1 Kor 15:1-11: hemm rabta bejn "tirċievi" u "tittrażmetti".
   iii) San Pawl jagħti importanza fundamentali lill-formulazzjoni tat-Tradizzjoni, hekk li għad li ħafna huma dawk li jxandru, hemm "Vanġelu" wieħed, predikazzjoni (*kerygma*) waħda:

(1) *Imma sew huma u sew jien, dan aħna xandarna, u dan emmintu intom* (1 Kor 15:11);
(2) *Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura* (1 Kor 15:3).

c) **It-Tradizzjoni kerigmatika hi l-għajn komuni tal-predikazzjoni Appostolika.**
   i) San Pawl qatt ma jwarrab il-fedeltà għat-Tradizzjoni biex ikun oriġinali jew uniku jew ġdid.
      (1) *Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħidt quddiemhom, lill-mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn* (Gal 2:2).
   ii) Il-*kerygma* tal-Appostli dejjem hi l-fundament tar-riflessjoni teoloġika ta' Pawlu.
   iii) Il-predikazzjoni ta' Pawlu tistqarr il-fidi waħda u komuni li tagħmel mill-Insara kollha Knisja waħda, anki jekk ħafna knejjes (komunitajiet).
   iv) Il-fidi tagħna llum (u dik ta' għada) hi l-istess u l-kontinwità tal-istess fidi fil-ġrajja tas-Salib u tal-Qawmien li kienet sa mill-bidu. Il-predikazzjoni tal-*kerygma* għadha sejra, l-istess illum bħall-bieraħ, u bħal tpoġġina fir-rakkont tat-Testment il-Ġdid.
      (1) Kredu: Knisja Waħda… Appostolika.

**4) Ir-rakkonti tal-Qawmien fil-kitbiet ta' Pawlu**

a) Pawlu ma kellux l-intenzjoni li jikteb "trattat teoloġiku" fuq il-Qawmien. Pawlu jikteb biex "iwieġeb" għal dubji u diffikultajiet konkreti tal-Insara fil-komunitajiet tiegħu.
   i) Il-kitba tiegħu hi espressjoni ta' dak li ġara (fatti storiċi), u li hu konvint minnu u jemmen fih.
   ii) Pawlu jwieġeb bl-essenzjal: aħna ġejna salvati (magħmulin ġusti) permezz ta' Kristu, li miet u qam mill-mewt.
   iii) Kieku ma seħħx il-Qawmien, il-ħajja Nisranija ma jkollhiex sens, tkun għalxejn.

**5) Il-Qawmien: ġrajja vera u unika**

a) Nhar il-Qawmien seħħet xi ħaġa straordinarja, xi ħaġa ġdida, xi ħaġa konkreta, immarkata b'sinjali preċiżi u li għamlu esperjenza tagħha ħafna xhieda.

b) Għall-Pawlu, u għall-kittieba l-oħra tat-Testment il-Ġdid, il-Qawmien hu marbut mill-qrib max-xhieda ta' dawk li kellhom esperjenza diretta ta' Kristu Rxoxt.

i) Dan ifisser kemm permezz tal-fakultajiet tas-sensi, u kemm permezz ta' dawl interjuri li jgħin biex wieħed jifhem dak li s-sensi esterni jaffermaw b'mod oġġettiv.
   (1) *Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom* (1 Ġw 1:1).
   (2) *Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni…* (Lq 24:39).

**6) Il-valur tax-xhieda fir-rakkonti tal-Qawmien**

a) Ix-xhieda tal-Qawmien ta' Kristu hi kundizzjoni fundamentali biex wieħed jemmen fi Kristu Rxoxt:
   i) Dawn raw lil Kristu ħaj wara l-mewt u d-difna, missewh, tkellmu u kielu miegħu…

b) Pawlu, bħall-erba' vanġeli, jagħti importanza primarja lit-tema tad-dehriet tal-Irxoxt. Hemm żewġ dettalji:
   i) il-qabar hu vojt…,
   ii) Kristu deher!
      (1) *U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax. Deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa flimkien. Ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum; xi wħud minnhom raqdu. Imbagħad deher lil Ġakbu u lill-Appostli kollha. Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd, qisni twelidt mormi qabel il-waqt* (1 Kor 15:4-18).
      (2) F'diversi ittri Pawlu jgħid li "ra lill-Mulej" (1 Kor 9:1…).
      (3) Biex jiddefendi l-ministeru tiegħu, spiss jirreferi għall-esperjenza personali li kellu ta' Kristu.

c) Ix-xhieda tal-Appostli u tal-ewwel dixxipli għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra… sal-lum.

**7) Fil-predikazzjoni tiegħu, il-Qawmien hu sintesi tal-Vanġelu (l-Aħbar it-Tajba) u l-quċċata tar-Rivelazzjoni salvifika**

a) Kemm fl-Ittri tiegħu u kemm fir-rakkonti tal-Atti, l-għan ta' Pawlu hu li jagħti xhieda tal-Qawmien:
   i) *Għalhekk li qiegħed isir ħaqq minni, minħabba t-tama fil-qawmien minn bejn l-imwiet* (Atti 23:6);
   ii) *Aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet* (1 Tess 4:14).

**8) It-tifsira profonda tal-Qawmien ta' Ġesù għal San Pawl: Ġesù hu l-Iben ta' Alla**

a) **Wara elfejn sena, l-istqarrija li "Kristu qam mill-mewt" għadha relevanti għalina?** Fit-tifsira li jagħtina Pawlu nistgħu nsibu t-tifsira tagħna llum ukoll.

i) *Pawlu, qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun Appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla. Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u, skond l-Ispirtu s-Santu, ġie rrivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet* (Rum 1:1-4).

b) **Ġesù hu l-Iben t'Alla, hu Alla**
   i) Pawlu jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla sa mill-bidu tal-Inkarnazzjoni tiegħu.
   ii) Fil-Qawmien tidher "il-qawwa" ta' din il-verità, għax Ġesù ġie merfugħ 'il fuq fuq kull dgħufija umana:
      (1) *Hu, li għad li kellu n-natura ta' Alla… Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem* (Fil 2:6,9);
      (2) *Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta'* Alla (1 Kor 1:24).
   iii) Il-Qawmien "jagħti xhieda" tal-qawwa ta' Kristu, l-Imsallab, bħala Iben Alla: Ġesù hu Alla, il-Mulej.

c) **Għal Pawlu, in-natura divina ta' Kristu tiġi mmanifestata aktar fil-Qawmien milli fl-Inkarnazzjoni**:
   i) f'San Pawl,
      (1) it-titlu "Messija" (il-Midluk) jibda jsir isem propju ta' Ġesù;
      (2) it-titlu "Mulej" jindika r-relazzjoni ta' Kristu ma' dawk li jemmnu;
      (3) it-titlu "Iben Alla" jindika r-relazzjoni intima bejn Ġesù u Alla, relazzjoni li "tinkixef" fil-Misteru tal-Għid.

d) **Permezz tal-Qawmien, Kristu jsir is-Salvatur tal-bnedmin.**
   i) *Kristu għalhekk miet u rxoxta, biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin* (Rum 14:9).
   ii) *U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom* (2 Kor 5:15).

**9) Imsejħin biex nipparteċipaw fil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu**

a) **Sa mill-Magħmudija u permezz tagħha nieħdu sehem f'din il-ġrajja salvifika.**
   i) *Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-Qawmien tiegħu mill-mewt* (Rum 6:3-5).

b) **Ifisser nieħdu sehem ukoll fit-tbatija ta' Kristu. San Pawl jistqarr dan b'mod personali.**
   i) *Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet* (Fil 3:10-11).
   ii) *Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skond l-Evanġelju li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sal-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-Kelma ta' Alla m'hijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal dejjem fi Kristu Ġesù* (2 Tim 2:8-10).
   iii) *Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja* (Kol 1:24).

c) **It-Teoloġija tas-Salib hi realtà tal-ħajja Nisranija**.
   i) Li temmen f'Ġesù jimplika s-sagrifiċċju, it-tbatija.
   ii) Il-Kristjaneżmu mhux triq ħafifa, hu telgħa, imma waħda mdawla bid-dija ta' Kristu u bit-tama li titnissel minnu.
      (1) Santu Wistin*: L-Insara m'humiex meħlusa mit-tbatija, filfatt iridu jsofru xi ftit iżjed, għax li tgħix il-fidi jimplika l-kuraġġ li tħares lejn il-problemi tal-ħajja u lejn l-istorja b'aktar profondità.*

d) **Hu biss mit-tbatija li nistgħu nagħrfu l-ħajja fil-verità u fis-sbuħija tagħha**.

e) **In-Nisrani jsib ruħu bejn żewġt itruf:**
   i) il-Qawmien, li diġà qed jaħdem fina:
      (1) *Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla* (Kol 3:3);
   ii) il-kuraġġ li nidħlu fil-proċess li jwassal għas-salvazzjoni sħiħa tagħna fil-Qawmien:
      (1) *Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla; għax il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa – mhux minn rajh, imma minħabba Alla li xeħtu taħtha – bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla. Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. Aħna salvi bit-tama* (Rum 8:18-24).

## 10) Sintesi tat-Teoloġija tal-Qawmien

a) **Is-Salvazzjoni tinkiseb bil-fidi u bl-istqarrija tal-fidi (xhieda).**
   i) *Għax jekk inti tistqarr b'fommok "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni* (Rum 10:9-10).

b) **Il-fidi u l-istqarrija tagħna tal-fidi jagħmlu preżenti llum fl-istorja l-verità tas-Salib u tal-Qawmien.**
   i) Hekk in-Nisrani jsir parti minn dak il-proċess li permezz tiegħu dak li twieled mill-ewwel Adam – tal-art, korruttibbli – jiġi ttrasformat f'Adam il-ġdid, Kristu – tas-sema, inkorruttibbli.
   ii) Dan il-proċess kien mibdi bil-Qawmien ta' Kristu, li fih ukoll għandna t-tama li aħna wkoll għad nissieħbu ma' Kristu fid-dar tagħna fis-Sema.

## 3. Il-Ħajja ta' dejjem

### 1) Mill-Qawmien għat-Tieni Miġja (Parusija)

a) Il-ġrajja tal-Qawmien tiftaħ il-paġna tat-Tieni Miġja ta' Kristu.
   i) Dan jgħinna nirriflettu dwar x'inhi r-relazzjoni bejn iż-żmien ta' issa (iż-żmien tal-Knisja) u s-Saltna ta' Kristu, u l-futur (*éschaton* – eskatoloġija) li qed jistennina meta Kristu jerħi s-Saltna f'idejn Alla l-Missier.
      (1) *Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa* (1 Kor 15:22-24).

b) Kull diskors li nagħmlu bħala Nsara dwar l-Eskatoloġija (l-affarijiet tal-aħħar; eż. il-funerali, il-Quddies għall-mejtin, il-kura taċ-ċimiterji u l-oqbra, ix-xahar ta' Novembru, il-liturġija tal-Avvent, iċ-ċiklu liturġiku kollu…) għandu l-bidu tiegħu fil-ġrajja tal-Qawmien:
   i) f'ċertu sens, il-"ħwejjeġ tal-aħħar" diġà bdew, diġà huma preżenti.

### 2) L-Ittri lill-Insara ta' Tessalonika – l-ewwel kitbiet ta' San Pawl

a) **L-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin.**

   i) Aktarx li l-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin Pawlu kitibha fis-sena 52WK.
   ii) Fiha jitkellem fuq it-tieni miġja ta' Ġesù (imsejħa parusija, *it-tieni* Avvent), jiġifieri l-manifestazzjoni ġdida u definittiva tiegħu:
      (1) *Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin, biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama. Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù. Dan ngħidulkom fuq il-Kelma tal-Mulej, jiġifieri li aħna li nkunu għadna hawn ħajjin għall-miġja tal-Mulej, ma mmorrux qabel dawk li jkunu raqdu. Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-Sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem* (1 Tess 4:13-18).
   iii) **Dubji u diffikultajiet** tal-Insara ta' Tessalonika dwar il-ħajja ta' wara l-mewt, u x-xorti ta' dawk li mietu:
      (1) *Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin, biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama* (1 Tess 4:13);

(2) *Dwar il-ħin u ż-żmien, ħuti, ma għandix bżonn niktbilkom* (1 Tess 5:1).

iv) Pawlu kiteb biex **iwieġeb** għall-mistoqsijiet tal-Insara ta' Tessalonika:

(1) *Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù* (1 Tess 4:14).

v) Pawlu **jiddeskrivi** t-tieni miġja ta' Kristu bi xbihat ikkuluriti u simboliċi (*mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-Sema... ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru* (1 Tess 4:16-17)).

vi) Imma fl-istess waqt iwassal **messaġġ sempliċi u ċar** ħafna: Aħna se nkunu mal-Mulej għal dejjem.

(1) Lil hemm mil-lingwaġġ figurattiv u kkulurit, l-essenza tal-messaġġ hi: **il-futur tagħna hu li "inkunu mal-Mulej għal dejjem".** Aħna nemmnu li minn issa aħna diġà magħqudin mal-Mulej: il-futur tagħna, l-eternità, diġà beda.

b) **It-Tieni Ittra lit-Tessalonkin**

i) Hemm **żvilupp** fuq l-ewwel ittra.

ii) Pawlu jitkellem fuq fatti negattivi qabel it-tieni miġja, prattikament id-dnub tal-**idolatrija**:

(1) *Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod! L-aħħar jum ma jkunx magħna qabel ma tkun seħħet ir-rewwixta u jinkixef il-Bniedem tad-dnub, ikkundannat għat-telfien* (2 Tess 2:3);

(2) fit-Tradizzjoni Neotestamentarja daħal it-terminu "Antikrist".

iii) Il-miġja tal-Mulej **mhix imminenti**: għalhekk inutli li wieħed joqgħod jagħmel il-kalkoli u jiffissa l-ġurnata u s-sena meta se sseħħ, meta hu "l-aħħar tad-dinja".

(1) *Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi mingħandna. Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!* (2 Tess 2:1-3).

iv) Pawlu, aktar milli jidħol f'kunsiderazzjonijiet teoloġiċi, għandu għan prattiku x'jilħaq: jeħodha kontra atteġġjament ta' għażż, telqa, sfiduċja... li kien hemm fost xi membri tal-komunità:

(1) *Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u għajxienhom jaqilgħuh* (2 Tess 3:10-12).

3) **L-istennija tat-tieni miġja**

a) **Mill-Quddiesa**: *Eħlisna, nitolbuk, Mulej… aħna u nistennew u nittamaw it-tieni miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*

b) **Mill-Kredu**: *Għandu jerġa' jiġi bil-glorja, biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. U s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.*

i) *At the conclusion of the central section of the Church's great Credo—the part that recounts the mystery of Christ, from his eternal birth of the Father and his temporal birth of the Virgin Mary, through his Cross and Resurrection to the second coming—we find the phrase: "he will come again in glory to judge the living and the dead". **From the earliest times, the prospect of the Judgement has influenced Christians in their daily living as a criterion by which to order their present life, as a summons to their conscience, and at the same time as hope in God's justice**. Faith in Christ has never looked merely backwards or merely upwards, but always also forwards to the hour of justice that the Lord repeatedly proclaimed. **This looking ahead has given Christianity its importance for the present moment**. In the arrangement of Christian sacred buildings, which were intended to make visible the historic and cosmic breadth of faith in Christ, it became customary to depict **the Lord returning as a king—the symbol of hope—at the east end; while the west wall normally portrayed the Last Judgement as a symbol of our responsibility for our lives**—a scene which followed and accompanied the faithful as they went out to resume their daily routine. As the iconography of the Last Judgement developed, however, more and more prominence was given to its ominous and frightening aspects, which obviously held more fascination for artists than the splendour of hope, often all too well concealed beneath the horrors* (*Spe salvi*, 41).

c) **Stennija attiva u responsabbli**:

i) Mhux talli m'għandniex skużi biex nitgħażżnu, talli l-istennija tat-tieni miġja tagħmilna responsabbli quddiem Alla l-Imħallef tal-azzjonijiet tagħna fid-dinja:

(1) *U intom, ħuti, agħmlu l-ġid bla qatt ma tegħjew* (2 Tess 3:13);

(2) ara l-parabbola tat-talenti (Mt 25:14-30).

ii) In-Nisrani għandu responsabbiltà quddiem Alla tal-ħajja tiegħu fuq l-art f'relazzjoni mal-oħrajn u mal-ħolqien:

(1) *Throughout the course of the centuries, men have labored to better the circumstances of their lives through a monumental amount of individual and collective effort. To believers, this point is settled: considered in itself, this **human activity accords with God's will**. For man, created to God's image, received a*

*mandate to subject to himself the earth and all it contains, and to govern the world with justice and holiness; a mandate to relate himself and the totality of things to Him Who was to be acknowledged as the Lord and Creator of all. Thus, by the subjection of all things to man, the name of God would be wonderful in all the earth.This mandate concerns the whole of everyday activity as well. For while providing the substance of life for themselves and their families, men and women are performing their activities in a way which appropriately benefits society. They can justly consider that* ***by their labor they are unfolding the Creator's work, consulting the advantages of their brother men, and are contributing by their personal industry to the realization history of the divine plan.Thus, far from thinking that works produced by man's own talent and energy are in opposition to God's power, and that the rational creature exists as a kind of rival to the Creator, Christians are convinced that the triumphs of the human race are a sign of God's grace and the flowering of His own mysterious design.*** *For the greater man's power becomes, the farther his individual and community responsibility extends. Hence it is clear that* ***men are not deterred by the Christian message from building up the world, or impelled to neglect the welfare of their fellows, but that they are rather more stringently bound to do these very things*** (*Gaudium et spes*, 34).

d) **Il-ħajja tan-Nisrani fid-dinja miexja f'direzzjoni, lejn Alla**:
   i) il-**mewt** hi l-mezz biex wieħed ikun definittivament ma' Alla;
   ii) il-ħajja tan-Nisrani tieħu s-**sens sħiħ** tagħha fid-dawl tal-għaqda m'Alla;
   iii) allura ż-**żmien** tal-ħajja hu żmien fejn wieħed diġà jgħix magħqud ma' Kristu u jgħix għalih fl-għotja tiegħu nnifsu għas-salvazzjoni tal-oħrajn:
      (1) *Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ. Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott tax-xogħol tiegħi. X'naqbad nagħmel ma nafx; ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija; min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom. Minn dan jiena żgur; għalhekk naf li se nibqa' hawn, u nkun magħkom għall-ġid u l-hena tagħkom fil-fidi. Mela, meta nerġa' niġi għandkom, ikollkom aktar biex tiftaħru bija fi Kristu Ġesù* (Fil 1:21-26).

4) **Il-konvinzjonijiet bażiċi tat-twemmin Nisrani dwar il-ħwejjeġ tal-aħħar (il-mewt u t-tmiem tad-dinja)**

a) **Ġesù qam rebbieħ fuq il-mewt u jinsab fuq il-lemin tal-Missier.**
   i) Ħadd m'hu aqwa minn Ġesù: hu ħareġ rebbieħ; għalhekk m'għandniex għax nibżgħu: aħna ninsabu fiċ-ċert.
   ii) Ħadd u xejn ma jista' qatt jifridna mill-imħabba ta' Kristu:
      (1) *Jekk Alla hu magħna, min jista' jkun kontra tagħna?… Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna* (Rum 8:31,38-39).

b) **Ġesù jinsab magħna**, u għalhekk jimla bit-**tama** l-ħajja tagħna.
   i) Meta Ġesù rritorna għand il-Missier hu baqa' magħna wkoll:
      (1) *Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien* (Mt 28:20);
      (2) *Ma nħallikomx iltiema* (Ġw 14:18);
      (3) *Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu* (Gal 2:20).
   ii) Il-futur fi Kristu diġà hu mibdi: din hi ċ-ċertezza tat-tama.
      (1) Il-futur m'huwiex imdallam hekk li ħadd ma jista' jsib it-triq. Kristu hu t-triq, il-verità u l-ħajja.
      (2) Id-dawl ta' Kristu hu aqwa mid-dlamijiet tal-eżistenza: in-Nisrani għalhekk jgħix bit-tama li tmexxih lejn il-futur:
         (a) *Aħna niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla… U din it-tama ma tqarraqx bina* (Rum 5:2,5);
         (b) *Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina* (Rum 8:18);
         (c) *Aħna salvi bit-tama. Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama; għax kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa jkun ra? Imma dak li qegħdin nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qed nistennewh bis-sabar* (Rum 8:24-25).

c) **Ġesù se jerġa' jiġi bħala Mħallef u Salvatur**

   i) Ġesù **mħallef**.
      (1) Ġesù għad jagħmel ġudizzju minna: *Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej: hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu* (1 Kor 4:5).
      (2) Aħna responsabbli quddiem Alla ta' ħajjitna f'din l-art u tal-eternità ta' ruħna (San Tumas More: "Ruħ waħda għandi!").
      (3) Ġesù fdalna d-doni tiegħu, l-imħabba tiegħu, u t-twettieq tal-kelma tiegħu (il-parabbola tat-talenti).
      (4) Aħna responsabbli wkoll tad-dinja u tal-bnedmin l-oħra (l-imħabba tal-aħwa).

ii) Ġesù **salvatur**.

(1) Aħna ċerti li Alla hu ħanin: *Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu…* (Efes 2:4-5).

(2) Ma jfissirx li għax Alla ħanin, kollox jgħaddi! Inkunu nqarrqu bina nfusna. Hu Alla li jsalvana – bl-imħabba u l-ħniena li wriena fi Kristu, speċjalment fuq is-Salib –, imma aħna nibqgħu responsabbli li nersqu lejn Kristu, li nwettqu l-imħabba tiegħu fina u fid-dinja.

(3) Imma fiduċjużi li l-imħallef tagħna hu twajjeb. It-tjubija tiegħu dehret fil-wiċċ ta' Kristu: *Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu* (Lhud 4:16).

## 5) Is-salvazzjoni hi miftuħa u offerta lil kulħadd

a) **Ġesù miet għal kulħadd.**

i) *Alla s-Salvatur tagħna, (li) jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw…* (1 Tim 2:3-4).

b) **Ġesù hu l-uniku salvatur.**

i) *Fl-isem ta' Ġesù – fis-Sema, fl-art u f'qiegħ l-art – il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier"* (Fil 2:10-11).

c) **Il-Knisja taħdem biex il-bnedmin kollha jaslu għall-verità fi Kristu.**

i) *L-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi* (Rum 1:16).

ii) *L-Iskrittura tgħid: "Kulmin jemmen fih ma jintilifx". Ma hemmx għażla bejn Lhud u Grieg; hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kulmin isejjaħ isem il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?* (Rum 10:11-15).

## 6) It-Talba tal-*"Maranà, thà!"* - "Ejja, Mulej Ġesù!"

a) Talba tal-ewwel komunitajiet Insara tal-Palestina (1 Kor 16:22), kif ukoll tal-ktieb tal-Apokalissi (22:20).

b) **Tista' ssir it-talba tan-Nisrani llum?!**

i) Diffiċli jgħaddilna minn moħħna li nitolbu bis-sinċerità biex "tintemm id-dinja" u "tiġi Ġerusalemm tas-Sema", iseħħ "il-Ġudizzju Universali" u jiġi "Kristu bħala mħallef"!

ii) Anki jekk din l-idea għal diversi raġunijiet inwarrbuha, xorta nistgħu nitolbu bħall-ewwel Insara: "Ejja, Mulej Ġesù!".
    (1) Aħna ma nixtiqux it-tmiem tad-dinja!
    (2) Imma nixtiequ li jintemmu l-inġustizzji fid-dinja.
    (3) Irridu li d-dinja "tinbidel", fejn isaltnu l-imħabba u l-paċi, il-ġustizzja, fejn ma jkunx hemm vjolenza, ġuħ…

c) **Kristu fid-dinja jista' jibdel tassew id-dinja jekk jinbidlu l-bnedmin!**
   i) Mingħajr Kristu ma jistax ikun hemm tiġdid veru fid-dinja.
   ii) Għalhekk jeħtieġ nagħmlu din it-talba tagħna wkoll.
    (1) *Ejja, Mulej Ġesù! Ejja bil-mod tiegħek, kif taf int. Ejja kulfejn hemm l-inġustizzja u l-vjolenza… Ejja fejn għadhom ma jafux bik… Ejja fil-qlub tagħna, ġedded ħajjitna, ejja fi qlubna biex insiru d-dawl tiegħek fid-dinja…*

## 4. Il-Ħajja ġdida permezz tal-grazzja

### 1) Il-preżenza tad-dnub fid-dinja

a) **Id-dnub jeżisti għax il-bniedem jidneb.**
   i) Id-dnub jeħodha kontra dak li hu veru.
   ii) Hu l-użu żbaljat tal-libertà li jwassal għad-dnub.
   iii) Sa mill-bidu, l-istorja Biblika tixhed li kull darba li l-bniedem tbiegħed minn Alla biex jagħmel li jrid, farrak l-ordni tal-ħolqien, u r-relazzjoni tiegħu ma' Alla u mal-bnedmin: kisser ir-relazzjonijiet l-aktar fundamentali.
   iv) Id-dnub daħal kulfejn hemm il-bniedem: fl-istrutturi soċjali…

b) **Fejn tidher ir-realtà tad-dnub?**
   i) Fl-esperjenza ta' kull bniedem hemm sinjal tad-dnub… hu preżenti fl-istorja ta' kuljum tal-bniedem.
   ii) San Pawl jesprimi din il-verità fl-Ittra lir-Rumani:
      (1) *Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb m'hux hemm. M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx* (Rum 7:18-19).
   iii) Id-dnub donnu sar "parti min-natura tal-bniedem" – m'hemmx żmien fl-istorja tal-bniedem fejn m'hemmx id-dnub (Blaise Pascal: "it-tieni natura" tagħna li ġġagħalna naħsbu li d-dnub hu "normali" għax hu parti min-"natura" tagħna).

### 2) Mnejn ġej id-dnub? Għandu bidu?

a) **Ir-rakkont tad-dnub oriġinali (Ġen 3; Rum 5:12-21).**
   i) *Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu…* (Rum 5:12).
   ii) Id-"dnub oriġinali" ma jistax jinftiehem jekk mhux
      (1) fid-dawl tal-esperjenza tad-dnub tal-bniedem illum u tal-bnedmin ta' kull żmien (hemm "storja tad-dnub", li hi l-istorja tal-bniedem);
      (2) fid-dawl tal-ġrajja tas-salvazzjoni mwettqa minn Kristu (hemm "storja oħra", li hi l-istorja tas-salvazzjoni, kif irrivelata fl-Iskrittura).

b) **Id-dnub għandu bidu (għalhekk "oriġinali") jew minn dejjem hu parti min-natura tal-bniedem?**
   i) Fid-dawl tal-istorja tal-evoluzzjoni, illum jagħmel aktar sens id-dnub oriġinali: li darba ġara dnub li daħal fl-istorja kollha tal-umanità? Id-dnub "oriġinali" seħħ jew le?

ii) Jekk m'hemmx dnub oriġinali, jekk m'hemmx stat fejn il-bniedem ma kellux dnub, ifisser li l-bniedem kien midneb sa minn dejjem, li n-natura tiegħu hi sa mill-bidu midinba, li Alla ħalaq bniedem midneb…
iii) Kien hemm teoriji li ppruvaw jispjegaw ir-realtà tal-eżistenza tad-dnub permezz tad-Duwaliżmu: li hemm żewġ "allat" daqs xulxin, wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin.

c) **Mnejn ġej mela d-dnub oriġinali?**
i) Jibqa' misteru mdallam, li tista' tipprova tpittru f'immaġni (ara r-rakkont tal-Ġenesi) imma mhux tfissru għal kollox… għax id-dnub oriġinali jmur kontra l-loġika.
ii) Imma jeżisti, jeħodha kontra l-bniedem, kontra t-tajjeb, u ġej minn għajn subordinata għal Alla.

3) **Kristu: il-"bidu ġdid"**

a) **Jekk fil-bniedem hemm il-konsapevolezza tad-dnub, hemm ukoll ix-xewqa ta' ħelsien, ta' fidwa… f'kull settur tal-esperjenza tal-bniedem.**
i) Kuldarba li jsir il-ħażen, id-dnub… il-bniedem "jgħajjat" biex issir bidla.
ii) Anki jekk ma nsejħux il-"ħażen" fid-dinja bl-istess lingwaġġ (reliġjuż), kulħadd hu konxju mill-effetti tal-ħażen fis-soċjetà u mill-fatt li l-ħażen jingħeleb jekk il-bniedem jinbidel.

b) **Is-salvazzjoni ta' Kristu.**
i) Jekk fir-Rivelazzjoni Biblika hemm id-dlam tad-dnub, hemm ukoll id-dawl ta' Alla. Alla hu akbar mid-dnub, u d-dnub jista' jintrebaħ.

c) Kristu rebaħ fuq id-dnub u miegħu rebbaħ il-bniedem.
i) Il-paragun bejn Kristu u Adam (Rum 5:12ss): m'hemmx "paragun"!
(1) *Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja* (Rum 5:20).
(2) *Imma d-don m'huwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed, li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra* (Rum 5:15).
ii) Permezz ta' Ġesù Kristu, Alla xerred bl-abbundanza fuq l-umanità kollha l-grazzja tiegħu li dejjem hi akbar mid-dnub.
(1) Ġesù ta bidu għal umanità ġdida, l-umanità mifdija, mibnija fuq l-"iva" tiegħu lill-Missier.

4) **Kif nistgħu nipparteċipaw fil-bidu ġdid ta' Kristu?**

a) Fil-bidu naturali (il-ħolqien) nipparteċipaw bin-natura umana (bioloġikament), b'mod awtomatiku-naturali. Imma **kif nistgħu**

**nipparteċipaw fil-bidu ġdid li ġab Kristu, fl-umanità ġdida?** Kif jista' Ġesù jidħol fil-ħajja tiegħi, fl-eżistenza tiegħi?

b) San Pawl (flimkien mat-Testment il-Ġdid): **Ġesù jiġi fina permezz tal-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu ta' Kristu Rxoxt.**
   i) Nhar Pentekoste l-Ispirtu ta bidu għal umanità ġdida, il-komunità l-ġdida, il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu.

c) B'mod konkret, **kif jista' l-Ispirtu ta' Kristu, l-Ispirtu s-Santu, isir l-Ispirtu tiegħi?** Tliet modi marbutin mill-qrib ma' xulxin:
   i) bit-"tqanqil" minn ġewwa: l-Ispirtu jħabbat fuq il-bieb ta' qalbi, iqanqalni minn ġewwa;
   ii) bl-istqarrija tal-fidi, li hi t-tweġiba tal-persuna għall-Kelma mxandra;
   iii) permezz tas-sagramenti – speċjalment tal-Magħmudija u l-Ewkaristija:
      (1) permezz tal-aħħar tnejn, l-Ispirtu joħloq il-komunità, jiġbor flimkien l-imxerrdin, jeqred id-diviżjonijiet u l-firda, u jibni l-ġemgħa, li huma karatteristiċi tal-bidu l-ġdid.

5) **L-istqarrija tal-fidi**

a) *Għax jekk inti tistqarr b'fommok "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva* (Rum 10:9).
   i) "Issalva" jfisser tidħol fl-istorja ġdida mibdija minn Ġesù, storja ta' ħajja u mhux ta' mewt.
   ii) Din hi l-adeżjoni tal-fidi.

b) **Mnejn se tiġi l-fidi?**
   i) *Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?... Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu* (Rum 10:14-15,17).
   ii) It-tħabbir tal-Kelma hu l-kontinwazzjoni tal-opra ta' Ġesù. Fil-Kelma mxandra hu Alla nnifsu li jitkellem, permezz tal-Verb li sar laħam:
      (1) *U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità* (Ġw 1:14).
   iii) Il-fidi mhix prodott tar-riflessjoni tagħna; mhix xi ħaġa ġdida li nivvintaw aħna, imma rigal li aħna nilqgħu mingħand Alla.
   iv) Il-fidi ma tiġix minn kemm naqraw kotba, imma minn kemm kapaċi nisimgħu. Hu rigal imwassal lilna, mogħti lilna, li aħna nilqgħu jew nirrifjutaw.
   v) Il-fidi m'hix biss xi ħaġa interjuri, imma wkoll **relazzjoni** ma' Xiħadd. Timplika laqgħa ma' min qed ixandar; timplika l-eżistenza ta' IEĦOR, ta' Alla, li joħloq il-komunjoni.

c) **Kif nidħlu fl-"istorja ta' Ġesù"?** Kif insiru parti mill-umanità l-ġdida?
   i) Permezz tal-Magħmudija.

## 6) Il-Magħmudija

a) **Il-Magħmudija hi twelid ġdid mill-ilma u mill-Ispirtu.**
   i) *Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla* (Ġw 3:5).

b) **San Pawl jitkellem fuq il-Magħmudija f'Rumani 6**. Il-Magħmudija, għal San Pawl, iddaħħalna fil-ħajja ġdida mibdija minn Kristu.
   i) *Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida* (Rum 6:3-4).

c) **Tliet aspetti ta' dak li jgħallimna San Pawl dwar il-Magħmudija**.
   i) Aħna **ġejna mgħammda**.
      (1) Ħadd ma jista' jgħammed lilu nnifsu. Il-Magħmudija nirċevuha. Ħadd ma jista' jsir Nisrani waħdu, minnu nnifsu. Aħna nsiru Nsara għax xi ħadd ieħor jgħaddilna l-fidi.
      (2) Dan ix-xiħadd ieħor hu l-komunità, il-Knisja. Mill-Knisja nirċievu l-fidi, il-Magħmudija. Jekk ma nħallux il-Knisja tiffurmana, ma nistgħux insiru Nsara. Ebda Nisrani ma jista' jkun awtonomu: hi kontradizzjoni.
      (3) Mill-banda l-oħra, anqas il-Knisja ma taġixxi weħidha, skond dak li jidhrilha. Hi dejjem *"at the receiving end"*: hu Kristu nnifsu li jikkostitwixxi l-Knisja; hu r-Ras tal-Knisja; hu "jagħti" is-sagramenti: *Hu preżenti fis-sagramenti, biex meta wieħed jgħammed fil-verità hu Kristu nnifsu li jgħammed* (*Sacrosanctum Concilium*, 7).

   ii) **Il-Magħmudija hi mewt u qawmien**.
      (1) Il-Magħmudija hi aktar minn ħasil: hi parteċipazzjoni fil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu: il-bidu ġdid.
      (2) Fl-Ittra lill-Galatin, Pawlu nnifsu jitkellem fuq dan il-bidu ġdid, fuq il-laqgħa ma' Kristu, bħala mewt:
         (a) *Imma jien permezz tal-Liġi mitt għal-Liġi biex ngħix għal Alla; issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu* (Gal 2:19-20).
      (3) L-istess jgħid għall-Insara, fl-Ittra lill-Kolossin:
         (a) *Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-Sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla… Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla* (Kol 3:1,3).

(4) Il-Magħmudija mhix operazzjoni kirurġika, xi *"cosmetic surgery"*. Hi twelid ġdid, bidu ġdid... li ma jeqridx it-tajjeb li hemm fil-bniedem, imma joħorġu aktar bil-qawwa.

d) **Il-Magħmudija hi ħajja ġdida**.
   i) Il-Magħmudija, bħal kull sagrament ieħor, mhix realtà spiritwali biss. Hemm in-natura, hemm il-ġisem, hemm l-uman.
   ii) Il-Magħmudija mhix verità statika, imma dinamika. Mhix biss akkwist, imma impenn.
   iii) Il-Magħmudija hi indirizzata lejn l-art ġdida u s-smewwiet ġodda. Hi impenn biex wieħed jibni l-ġdid, il-ħajja ġdida.

**7) L-Ewkaristija**

a) **Ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija.**
   i) Pawlu jittrażmetti verbalment il-ġrajja li hu rċieva minn dawk li kienu xhieda ta' dak li ġara:
      (1) *Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'Demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi"* (1 Kor 11:23-25).

b) Kalċi: ***il-patt il-ġdid b'demmi***.
   i) Dawn il-kelmiet jagħmlu riferiment għal żewġ siltiet tat-Testment il-Qadim:
      (1) **Ġer 31:31**: *Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda*: issa qed iseħħ il-patt il-ġdid, il-patt qed jilħaq il-milja tiegħu;
      (2) **Eż 24:8**: *Mosè mbagħad ħa d-demm u, hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: "Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skond dan il-kliem kollu"*: is-sagrifiċċju veru li jissiġilla l-patt mhux dak tal-annimali, li jista' joffri l-bniedem, imma dak li Kristu nnifsu offra, is-sagrifiċċju tiegħu stess. Is-sagrifiċċju veru hu l-imħabba ta' Kristu.
   ii) Permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, Kristu jagħtina lilu nnifsu, biex jagħmilna ħaġa waħda miegħu, u hekk jagħmilna dejjem aktar ħolqien ġdid.

c) **Il-karattru personali u soċjali tal-Ewkaristija.**
   i) *Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda* (1 Kor 10:16-17).

**ii) Għaqda mal-ġisem ta' Kristu.**

(1) Kristu personalment jingħaqad ma' kull wieħed u waħda minna; imma jfisser ukoll li Kristu jingħaqad ma' min hemm maġenbi. Hekk Kristu mhux biss jgħaqqad lil kull wieħed/waħda miegħu nnifsu, imma wkoll jgħaqqadna flimkien miegħu u flimkien bejnietna.

(2) L-Ewkaristija mingħajr għaqda, mingħajr solidarjetà, hi Ewkaristija abbużata. Din hi l-bażi tat-tagħlim dwar il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu Rxoxt.

(3) Meta nieklu, l-ikel isir parti minna. Meta nirċievu l-Ewkaristija, aħna nsiru parti minn Ġesù: Kristu jagħmilna parti minnu, parti mill-Ġisem tiegħu, parti mill-Knisja. Hawn jinftiehem id-diskors tal-karżmi (Rum 12).

(4) Il-Knisja għalhekk mhix biss korporazzjoni (ġabra ta' persuni), imma ġisem; mhix biss organizzazzjoni, imma organiżmu.

**8) Is-sagrament taż-Żwieġ**

a) ***Misteru kbir*** (Efes 5:32).

i) Pawlu jitkellem l-aktar dwar iż-żwieġ fl-Ittra lill-Efesin, fejn żviluppa teoloġija taż-Żwieġ.

ii) Iż-Żwieġ hu meqjus "misteru kbir". Dan jingħad f'riferiment għal Kristu u għall-Knisja (Efes 5:32).

b) ***Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu*** (Efes 5:21).

i) Is-"sottomissjoni" trid tinftiehem fir-relazzjoni ta' Kristu mal-Knisja.

ii) Dak li hu eżaltat f'din ir-relazzjoni hu l-imħabba bejn il-miżżewġin.

c) **Tisħiħ taż-Żwieġ.**

i) Żwieġ jissaħħaħ meta l-uman u l-emozzjonali jingħaqdu mal-qdusija li jagħti Kristu, speċjalment fl-għaqda Ewkaristika.

**9) *Il-Mulej qorob* (Fil 4:5)**

a) Il-Mulej fil-qrib permezz tal-Kelma u tas-sagramenti.

## 5. Il-Qima Spiritwali

### 1) Il-valur tat-talb f'San Pawl

a) San Pawl jagħti valur lit-talb. Hu stess jitlob. Isemmi t-talb ta' tifħir, ta' radd il-ħajr, it-talb ta' interċessjoni, ta' invokazzjoni… Hu jitlob għal dawk li xandrilhom il-Vanġelu, jitlob għall-membri tal-komunitajiet li waqqaf…
b) Hu jrid li l-komunitajiet Insara jsostnu lil xulxin permezz tat-talb (2 Kor 9:14). Irid li l-presbiteri tal-Knisja – allura azzjoni liturġika tal-ġemgħa – imexxu t-talb (1 Tim 2:1). Iħeġġeġ biex isir talb għall-Insara kollha, u b'mod partikulari għal dawk li jxandru l-Vanġelu (Efes 6:18-19). It-talb għandu jsir drawwa f'kull ċirkustanza u f'kull bżonn (Fil 4:6). Iħeġġeġ lill-Insara biex jitolbu għalih, kemm biex ixandar il-Vanġelu, u kemm fil-mumenti diffiċli tal-ħajja tiegħu (Film 22; Fil 1:19…).
c) San Pawl jitkellem ukoll fuq l-"interċessjoni" tal-Ispirtu s-Santu fit-talb tal-Insara.
d) Ftit siltiet biex juruna l-post tat-talb fl-ittri Pawlini:
   i) *Jixhidli Alla, li jien naqdi b'qalbi kollha billi nxandar l-Evanġelju ta' Ibnu, li jien niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi* (Rum 1:9);
   ii) *Ma nixba' qatt niżżi ħajr minħabba fikom meta niftakar fikom fit-talb tiegħi* (Efes 1:16);
   iii) *Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kulmeta niftakar fikom, u nitlob dejjem ferħan fit-talb tiegħi għalikom* (Fil 1:3-4);
   iv) *Niżżu ħajr dejjem lil Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu, u nitolbu għalikom* (Kol 1:3);
   v) *Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem* (Rum 8:26);
   vi) *Nitlob bl-ispirtu; imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta s-salmi bl-ispirtu; imma nkanta b'moħħi wkoll* (1 Kor 14:15);
   vii) *Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni* (2 Kor 12:8);
   viii) *Kien hu li ħelisna minn daqstant perikli tal-mewt u għad jeħlisna; fih nittamaw li jerġa' jeħlisna bl-għajnuna tat-talb tagħkom għalina. Hekk ħafna, minħabba d-don li rċevejna aħna, iroddu l-ħajr għall-grazzji li qlajna bis-saħħa tat-talb ta' ħafna* (2 Kor 1:10-11);
   ix) *Għax naf li dan bit-talb tagħkom u bl-għajnuna tal-Ispirtu ta' Ġesù Kristu, għad jisfali għas-salvazzjoni tiegħi* (Fil 1:19);
   x) *Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha. Itolbu għalija wkoll, biex meta niftaħ fommi tingħatali l-kelma, ħalli b'wiċċi minn quddiem inxandar il-misteru tal-Evanġelju* (Efes 6:18-19);

xi) *Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied* (1 Tim 2:8);

xii) *Iċċaħħdux lil xulxin minn xulxin, jekk ma tkunux ftehimtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għat-talb…* (1 Kor 7:5);

xiii) *Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr* (Fil 4:6);

xiv) *Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu* (Efes 5:19-20).

**2) Il-qima spiritwali**

a) **X'nifhmu b'qima spiritwali?...**
   i) Mhix tant it-talb, iċ-ċelebrazzjonijiet personali jew komunitarji li nagħmlu, jew l-atti devozzjonali…
   ii) Il-qima spiritwali hi impenn li ningħaqdu ma' Kristu… fid-dawl tas-Salib tiegħu.

b) **Tliet siltiet fl-Ittra lir-Rumani fejn San Pawl jispjega kif għandha tkun il-qima spiritwali**:
   i) Rum 3:25,
   ii) Rum 12:1,
   iii) Rum 15:15ss.

**3) Rumani 3:25**

a) *Lilu Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet għal dawk li jemmnu fih. U dan bis-saħħa ta' demmu. B'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar bihom.*

b) Meta San Pawl jitkellem fuq is-***sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet*** hu għandu quddiem għajnejh **iċ-ċerimonja tal-maħfra - ir-rit propizjatorju - li kienet issir darba f'sena fil-Yom Kippur** (ara Lev 16:1ss).
   i) **L-għatu tal-Arka**: dan kien meqjus bħala l-eqreb punt ta' kuntatt bejn Alla u l-bniedem, il-punt tal-preżenza misterjuża ta' Alla fid-dinja tal-bnedmin, il-post fejn kienet tistrieħ il-glorja ta' Alla.
   ii) **It-traxxix tad-demm fuq l-għatu** (Lev 16:14-15): dan ir-rit kien jissimbolizza li d-dnubiet ta' sena sħiħa tal-poplu kienu qed jiġu f'kuntatt ma' Alla u jinbelgħu fl-abbiss tat-tjubija divina; id-dnubiet kienu jiġu assorbiti minn Alla, mirbuħa, maħfura. Il-ħajja issa setgħet tibda mill-ġdid. Dan ir-rit kien jesprimi x-xewqa tal-bniedem li jeħles minn dnubietu billi jitfagħhom fl-abbiss tal-ħniena divina, u hekk id-dnubiet jgħibu. Imma d-demm tal-annimali ma kellux il-

qawwa li jakkwista l-maħfra tad-dnubiet. Kien hemm ħtieġa ta' kuntatt akbar bejn id-dnub tal-bniedem u l-imħabba divina.

iii) **Il-maħfra permezz tas-Salib ta' Kristu**: dan il-kuntatt seħħ fuq is-Salib ta' Kristu. Kristu, l-Iben veru ta' Alla, li sar bniedem, refa' fuqu d-dnubiet tagħna. Hu nnifsu sar il-punt ta' kuntatt bejn il-miżerja tal-bniedem u l-ħniena divina. Fil-qalb tiegħu, il-ħażen kbir tad-dnub imwettaq mill-umanità jinħall u l-ħajja tibda mill-ġdid.

c) **Il-qima vera.**

i) F'din il-bidla radikali San Pawl jgħid li l-qima l-antika li kienet issir fit-Tempju ta' Ġerusalemm permezz tas-sagrifiċċji tal-annimali ntemmet bis-Salib ta' Kristu, l-att suprem tal-imħabba divina li saret imħabba umana. Il-qima simbolika (offruta mill-bniedem) inbidlet fil-qima vera: l-imħabba ta' Kristu, Alla inkarnat, li laħqet il-milja tagħha fuq is-Salib.

ii) **Il-qima spiritwali vera lil Alla hi l-offerta ta' Kristu fuq is-Salib**, l-imħabba tiegħu tad-demm u l-laħam hi l-qima vera li tista' tingħata tassew lil Alla u tgħaqqad lil Alla u l-bniedem.

iii) Il-qima spiritwali lil Alla mela mhix marbuta ma' post (mat-Tempju ta' Ġerusalemm), jew ma' ġesti li jagħmel il-bniedem; imma mal-offerta tiegħu nnifsu li għamel Kristu fuq is-Salib.

iv) F'dan San Pawl jaqbel ma' dak li jgħid Ġesù: il-qima fl-ispirtu u l-verità; il-qima mogħtija fit-Tempju l-ġdid li ma jinbeniex b'idejn il-bnedmin:

(1) *Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh* (Ġw 4:23);

(2) *Aħna smajnieh jgħid: "Jiena nħott dan it-Tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!"* (Mk 14:58); *Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-Tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu…". Iżda hu tkellem fuq it-Tempju tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù* (Ġw 2:19,21-22).

d) **Il-parteċipazzjoni fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u l-qima spiritwali.**

i) *For His humanity, united with the person of the Word, was the instrument of our salvation. Therefore in Christ "the perfect achievement of our reconciliation came forth, and the fullness of divine worship was given to us* (*Sacrosanctum Concilium*, 5).

ii) *Christ indeed always associates the Church with Himself in this great work wherein God is perfectly glorified and men are sanctified. The Church is His beloved Bride who calls to her Lord, and through Him offers worship to the Eternal Father* (*Sacrosanctum Concilium*, 7).

## 4) Rumani 12:1

a) *Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom.*

b) **Sagrifiċċju ħaj.**
   i) Donnu hemm kontradizzjoni: is-sagrifiċċju normalment jitlob il-mewt tal-vittma; hawn Pawlu jitkellem fuq il-ħajja tan-Nisrani.
   ii) ***Offru ġisimkom**:* San Pawl mhux qed jifhem l-offerta sagrifikali, imma il-ħajja tan-Nisrani bħala offerta sħiħa, oblazzjoni.
   iii) San Pawl qed jirreferi għall-persuna sħiħa, fit-totalità tagħha, mhux biss fiżikament:
      (1) *Anqas ma għandkom tħallu l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu l-ħażen għas-servizz tad-dnub; imma **offru ruħkom lil Alla** bħala nies li reġgħu mill-mewt għall-ħajja ħalli l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu t-tajjeb għas-servizz ta' Alla għall-ġustizzja tagħkom* (Rum 6:13);
      (2) *Bil-għoli kontu mixtrija! Mela **agħtu ġieħ lil Alla** permezz ta' ġisimkom* (1 Kor 6:20).
   iv) Dan ifisser li wieħed jagħti ġieħ lil Alla fil-forma l-aktar prattika tal-ħajja ta' kuljum, magħmula minn relazzjonijiet u viżibbiltà.

c) **Sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla.**
   i) Meta l-ħajja Nisranija fit-totalità tagħha ssir offerta lil Alla, allura San Pawl jistqarr li dan hu tassew att ta' qima li jogħġob lil Alla.
   ii) Pawlu jitkellem fuq "sagrifiċċju": il-lingwaġġ reliġjuż u kultwali jirreferi għas-sagrifiċċju tal-annimal li parti minnu kienet tinħaraq bħala offerta lill-allat u parti oħra tittiekel f'ikla minn dawk li joffru s-sagrifiċċju. Din ir-realtà Pawlu japplikaha għall-ħajja Nisranija permezz ta' tliet aġġettivi:
      (1) **ħaj**: jesprimi vitalità, enerġija;
      (2) **qaddis**: hi l-qdusija mhux ta' post jew oġġett, imma tal-istess persuna tan-Nisrani;
      (3) **jogħġob lil Alla**: forsi jagħmel riferiment għall-immaġni Biblika tas-sagrifiċċju *jfuħ* quddiem Alla (eż. Lev 1:13: *Dan hu sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej*).

d) **Il-qima spiritwali.**
   i) Din il-forma ta' sagrifiċċju, jiġifieri l-offerta sħiħa tal-persuna, hi l-qima spiritwali vera.
   ii) Ifisser li l-qima vera li tingħata lil Alla hi l-istess persuna umana (għax il-bniedem hu maħluq xbieha ta' Alla):
      (1) San Irinew (*Adversus hæreses*): *"Gloria Dei vivens homo"*! Il-glorja ta' Alla hi l-persuna umana fit-totalità tal-ħajja tagħha.
      (2) Dan ifisser: id-dinjità tal-bniedem!

e) **It-Testment il-Qadim diġà jitkellem fuq din it-tip ta' qima**, f'kuntrast mas-sagrifiċċji tal-annimali:
   i) **Salm 50(49):12-14**: *Li kont bil-ġuħ, mhux se ngħid lilek, għax tiegħi l-art u kulma fiha. Huwa jien se niekol laħam il-gniedes, jew nixrob id-demm tal-gidien? Agħti 'l Alla sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, u rodd lill-Għoli l-wegħdiet tiegħek*;
   ii) **Salm 50(51):18-19**: *Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx. Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla*;
   iii) **Dan 3:38-41** (żmien it-tkissir tat-Tempju fl-imperu Ħellenistiku): *U bħalissa la hemm iżjed prinċep, la profeta u lanqas mexxej; la hemm offerta tal-ħruq u lanqas sagrifiċċju, la offerta u lanqas inċens, u lanqas baqa' mkien fejn noffrulek l-ewwel frott tagħna, jew fejn nitolbuk il-ħniena. Madankollu, b'qalbna niedma u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek, qisna b'sagrifiċċji tal-ħruq ta' nagħaġ u barrin, qisna b'eluf ta' ħrief imsemmna; ħa jkun hekk illum is-sagrifiċċju tagħna quddiemek, u jalla nimxu għal kollox warajk, għax xejn ma jitħawdu dawk li jittamaw fik. U issa b'qalbna kollha nimxu warak, nibżgħu minnek u nfittxu lilek.*

f) **Riskju ta' moralizzazzjoni tal-qima.**
   (1) Jekk il-qima ssir biss l-offerta tal-qalb, hemm ir-riskju ta' spiritwalizzazzjoni u moralizzazzjoni tal-qima, jiġifieri l-isforz tal-individwu biex jgħix ħajja ġusta bil-ħila tiegħu: l-importanti li ngħix tajjeb. Mhix din l-intenzjoni ta' San Pawl.
   (2) Il-qima spiritwali vera tippreżumi li "aħna sirna ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Gal 3:28), li fil-Magħmudija aħna mitna u rxuxtajna fi Kristu (Rum 6), u li niffurmaw "ġisem wieħed". In-Nisrani qatt ma jgħix għalih waħdu, qatt ma hu mifrud mill-bqija tal-"ġisem", għax min jinfired mill-"ġisem" ikun jinfired ukoll mir-"Ras".
   **(3) Hu fl-għaqda ma' Kristu u mal-Ġisem tiegħu li aħna nsiru tassew sagrifiċċju ħaj, u allura nistgħu nagħtu qima vera.**

5) **Rum 15:15-16**

a) *Imma jien għamilt il-qalb u ktibtilkom biex infakkarkom f'xi ħwejjeġ. Dan għamiltu bil-grazzja li tani Alla li* ***nkun ministru ta' Kristu Ġesù*** *fost il-pagani,* ***ikkonsagrat*** *biex naħdem għall-Evanġelju ta' Alla u* ***nagħmel mill-ġnus offerta mqaddsa mill-Ispirtu s-Santu u li togħġob lil Alla****.*

b) **Il-ministeru saċerdotali ta' Pawlu**:
   i) Pawlu jqis il-ministeru tiegħu li jxandar il-Vanġelu lill-ġnus bħala ministeru saċerdotali.
   ii) L-għan ta' dan il-ministeru hu li jgħaqqad il-ġnus ma' Kristu Rxoxt. Din hi azzjoni saċerdotali: l-offerta tal-popli lil Alla.

c) **Il-liturġija kożmika**:
   i) L-għan tal-ħidma missjunarja hu l-liturġija kożmika: li l-popli kollha, magħquda fi Kristu, jistgħu jsiru l-glorja ta' Alla, imqaddsa mill-Ispirtu s-Santu.
   ii) Is-sens tat-tama fil-mod kif San Pawl jara l-qima: l-offerta ta' Kristu tiegħu nnifsu lill-Missier timplika x-xewqa li jiġbed il-bnedmin kollha f'għaqda miegħu nnifsu, li jgħaqqad id-dinja.
      (1) Hu biss f'għaqda ma' Kristu, il-bniedem *per eccellenza*, magħqud ħaġa waħda ma' Alla, li d-dinja tista' ssir tassew mera ta' mħabba divina.
      (2) *U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja* (Ġw 12:32).

6) **Impenn li nsiru ħaġa waħda ma' Kristu u mal-Knisja (il-Ġisem mistiku tiegħu)**

   a) **Naħdmu biex inkunu ħaġa waħda ma' Kristu: dan hu t-tir tagħna.**
      i) *Dak kollu li għalija kien qligħ, jien għoddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet. M'iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili. Ħuti, ma jidhirlix li dan ġa lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù* (Fil 3:7-14).

   b) **Nissieħbu fl-offerta ta' Kristu (fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa) li biha ta qima sħiħa lil Alla u miegħu nagħmlu minn ħajjitna offerta li togħġob lil Alla:**
      i) *Nitolbuk li hu jagħmel minna offerta li tibqa' għal dejjem quddiemek, biex inkunu nistgħu niksbu l-wirt mal-magħżulin tiegħek…* (Talba Ewkaristika III).